MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2005

Appell Civili Numru. 1731/1999/1

**Francis Sydney Ellul Sullivan**
**ghan-nom u in rapprezentanza**
**tas-socjeta` Sesco Investments Limited**

**v.**

**John Sammut**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

B'citazzjoni prezentata quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Lulju, 1999 l-attur nomine ppremetta illi in

forza ta’ skrittura datata 14 ta’ Ottubru, 1997 (Dok A) il-konvenut inkariga lill-attur nomine sabiex jippresta s-servizzi tieghu bl-iskop li l-konvenut jakkwista l-franchise tal-BATA minghand is-socjeta` estera Compar s.p.a.; illi skond l-istess ftehim l-konvenut obbliga ruhu li jhallas lill-attur nomine s-somma ta’ hamest elef lira (LM5,000) fl-eventwalita` li jkollu success fl-inkarigu lilu moghti b’dan illi l-imsemmija somma tithallas fi zmien sitt xhur minn meta jsir il-ftuh ufficjali tal-kumpless De Tigne Shopping Complex f’tas-Sliema; illi fil-fatt l-attur nomine ezegwixxa b’success l-inkarigu lilu moghti mill-konvenut u l-franchise tal-BATA inghatat mis-socjeta` Compar s.p.a. lid-ditta tal-konvenut u l-oggetti tal-BATA bdew jinbieghu mill-kumpless De Tigne li tieghu sar il-ftuh ufficjali aktar minn sitt xhur ilu; illi l-konvenut nonostante li gie interpellat sabiex ihallas is-somma ta’ LM5,000 fuq imsemmija baqa’ inadempjenti; dan premess l-attur nomine talab li dik il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallsu s-somma ta’ LM5,000 ai termini tal-ftehim tal-14 ta’ Ottubru 1997 fuq imsemmi. Bl-imghax legali u l-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra interpellatorja tat-8 ta’ Gunju 1999 u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.

B’nota pprezentata fit-2 ta’ Novembru, 1999 l-konvenut eccepixxa:-

1. Fl-ewwel lok l-infondatezza tat-talbiet attrici fil-fatt u fid-dritt stante li l-konvenut ma ghandu jaghti xejn lis-socjeta` attrici.

2. Fit-tieni lok u bla pregudizzju ghas-suespost in-nullita` tal-kuntratt mertu ta’ din il-kawza billi il-konvenut ma kellux il-kapacita` rikjesta mill-ligi sabiex jidhol fir-rabta pretiza mis-socjeta` attrici.

3. Fit-tielet lok, inoltre, u bla pregudizzju ghas-suespost l-infondatezza tat-talbiet attrici billi l-konvenut ma akkwistax l-franchise tal-BATA, liema franchise tinsab moghtija lil terzi.

4. Illi fi kwalunkwe kaz ma jirrizulta minn imkien li l-konvenut ghandu jkun responsabbli ghall-obbligi ta’ dak li hu msejjah bhala “the second party” u li ghalhekk, bla

pregudizzju ghas-suespost, il-konvenut ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

**Is-sentenza appellata.**

B'sentenza tal-31 ta' Mejju, 2002 il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza billi, wara li cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenut, laqghet it-talba tas-socjeta` attrici u kkundannat lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici hamest elef lira (LM5,000) flimkien ma' l-imghax u l-ispejjez mitluba fic-citazzjoni u dan wara li qalet hekk:-
"Il-fatti tal-kaz graw hekk:

"Is-socjeta` attrici kellha l-franchise tal-prodotti BATA f'Malta, izda ddecidiet illi tbiegh il-hanut mnejn kienet tbiegh dawn il-prodotti. Il-konvenut wera interess illi l-*franchise* jiksbu hu u ghalhekk qabbad lis-socjeta` attrici tinqeda' bil-kuntatti li kellha mal-principali barra minn Malta biex dawn ighaddu l-*franchise* lill-konvenut.

"Saret ukoll kitba illi fuqha kellhom jidhru s-socjeta` attrici, imsejha "*the first party*" fuq il-kitba, u l-konvenut John u huh Mark Sammut, imsejha "*the second party*". Il-kitba tghid hekk[1]:

whereas the Second Party is engaging and instructing the First Party to assist the Second Party in his endeavours to acquire the Franchise of *Bata* from *Compar s.p.a.* of Padova:

Hence the Second Party binds itself to pay the sum of five thousand Maltese Liri (LM5,000) to the First Party who accepts in the event that the Second Party or ________________ is successful in acquiring the above-mentioned franchise.

It is furthermore agreed that the sum of LM5,000 be paid by not later than six months from the date of the official

[1] Fol. 5

opening of the outlet at *De Tigne* Shopping Complex, Sliema, by the Second Party.

"Id-direttur tas-socjeta` attrici fisser illi thalla l-ispazju vojt fit-tieni paragrafu migjub fuq ghax il-hsieb kien illi l-*franchise* jinkiseb mhux mill-ahwa Sammut *proprio* izda minn xi socjeta` taghhom, u f'dak l-istadju kienu ghadhom ma jafux liema socjeta` kellha tkun li tiehu l-*franchise*[2].

"Il-konvenut u r-rapprezentant tas-socjeta` attrici iffirmaw il-kitba fl-14 ta'Ottubru 1997, izda Mark Sammut baqa' ma iffirmahiex.

"Is-socjeta` attrici tghid illi l-*franchise* inkisbet minn xi socjeta` li fiha ghandu interess il-konvenut, u ghalhekk, wara li nfetah il-hanut tal-prodotti ta' *BATA* f'*De Tigne Complex,* is-socjeta` attrici stenniet sitt xhur u talbet lill-konvenut ihallasha hamest elef lira (LM5,000) skond il-ftehim. Skond l-attrici, il-konvenut wiegeb illi kien lest illi jhallas biss in-nofs, elfejn u hames mitt lira (LM2,500), ghax huh Mark Sammut "ma kienx involut"[3].

"Meta xhed il-konvenut qal illi, ghalkemm huwa minnu illi kien inqeda bil-kuntatti u bl-intervent tas-socjeta` attrici biex jibda trattativi mal-principali dwar il-*franchise,* minhabba ragunijiet personali – ghax biex jiehu self kien jehtieg il-kunsens ta' martu u din ma riditx taghtih il-kunsens – ma setax jiehu l-*franchise* fuq ismu u l-*franchise* inghata lis-socjeta` *De Tigne Limited.* Din is-socjeta` ghandu interess fiha hu l-konvenut; il-konvenut ma ghandux interess fiha hlief illi jaghti "daqqa t'id fix-xoghol"[4] bla hlas.

"Maghfus biex ifisser ftit ahjar x'inhi r-relazzjoni tieghu ma' din is-socjeta`, il-konvenut fisser illi *De Tigne Limited,* illum *franchisee* tad-ditta *BATA,* tiggestixxi n-negozju taghha minn hanut f'*De Tigne Complex* illi tikri minghand

---

2 Ara xhieda ta' Francis Ellul Sullivan fis-seduta tal-1 ta' Frar 2000, fol. 22.
3 Ibid. fol. 24
4 Ara x-xhieda tal-konvenut fis-seduta tal-24 ta' Ottubru 2000, fol. 37 et seq.

socjeta` ohra – *Visa Investments Limited* – li fiha ghandu ishma l-konvenut[5].

"Il-konvenut xhed ukoll illi, waqt li kien qieghed jittratta mas-socjeta` attrici, it-trattattivi kien jaghmilhom f'ismu u mhux ukoll f'isem huh. F'dak il-waqt ma kienx tkellem dwar il-*franchise* ma' huh, li wera interess, u fil-fatt kiseb il-*franchise* ghal *De Tigne Limited,* wara illi kien qata' qalbu minnha l-konvenut ghar-raguni personali msemmija fuq[6]. Dan ikkonfermah Mark Sammut.

"Il-konvenut kompla xhed izda illi wara li tilef l-interess illi jikseb il-*franchise* hu personalment xorta baqa' jittratta mal-principali fl-interess ta' huh[7].

"Il-fatti kif rakkontati mill-konvenut iwasslu ghal dawn il-konkluzjonijiet:

"1. Il-fatt illi fuq il-kitba ta' l-14 ta' Ottubru, 1997 jidher l-isem kemm tal-konvenut John Sammut kif ukoll ta' Mark Sammut ma jfissirx illi l-kunsens ta' John Sammut kien soggett ghall-kundizzjoni illi jiffirma Mark ukoll. L-isem ta' Mark tnizzel bi zball mis-socjeta` attrici ghax ir-rapprezentant taghha kellu l-impressjoni – zbaljata skond il-konvenut – illi l-konvenut kien qieghed jinnegozja kemm f'ismu kif ukoll f'isem huh.

2. Ghalhekk *the second party* fuq il-ftehim ma hi hadd hlief il-konvenut wahdu, u r-raba' eccezzjoni hija ghalhekk michuda.

3. Ghalkemm il-konvenut, minhabba ragunijiet personali, ma setax jikseb il-*franchise* f'ismu, xorta baqa' jinqeda' bis-servigi u l-kuntatti tas-socjeta` attrici biex il-*franchise* kisibha ghas-socjeta` ta' huh.

4. La darba l-ftehim ma kienx soggett ghall-kundizzjoni illi l-*franchise* jehodha bilfors il-konvenut, kif jixhed il-fatt illi fil-ftehim thalla spazju vojt fejn jitnizzel l-

[5] Ibid. fol. 38 et seq.
[6] Ibid. fol. 60 et seq.
[7] Ibid. fol. 79.

isem ta' haddiehor, u l-*franchise* ittiehed minn persuna illi kellha l-approvazzjoni u l-ko-operazzjoni attiva tal-konvenut, li ghal dan il-ghan kompla nqeda' bis-servigi u l-kuntatti tas-socjeta` attrici, ghandu jitqies illi l-kundizzjoni biex isir il-hlas lill-attur sehhet, u t-tielet eccezzjoni hija ghalhekk michuda.

"Il-konvenut ressaq ukoll l-eccezzjoni illi hu ma kellux il-kapacita` li trid il-ligi sabiex jidhol fir-rabta ma' l-attrici. Billi l-konvenut ma fissirx, lanqas fid-dikjarazzjoni mahlufa minnu, x'kienet ir-raguni ghan-nuqqas ta' kapacita` tieghu, il-Qorti b'digriet ta' l-1 ta Frar 2000[8] tatu xahar zmien biex ighid x'kienet din ir-raguni. Sa l-24 ta'Ottubru 2000 il-konvenut kien ghadu ma tax dan it-taghrif li riedet il-Qorti u ghalhekk b'digriet iehor moghti dak in-nhar[9] il-Qorti regghet gedditlu z-zmien b'gimgha ohra, izda xorta t-taghrif baqa' ma wasalx.

"Barra minn hekk, fuq din l-eccezzjoni l-konvenut baqa' ma ressaq ebda xiehda, u ghalhekk l-eccezzjoni ma tistax tintlaqa' u hija michuda."

**L-appell tal-konvenut.**

Il-konvenut hass ruhu aggravat bis-sentenza fuq riportata u ghalhekk b'rikors ipprezentat fl-20 ta' Gunju 2002 interpona appell quddiem din il-Qorti fejn, ghar-ragunijiet hemm moghtija, talab li din il-Qorti tirrevoka u thassar is-sentenza appellata billi, filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez kollha kontra l-attur.

L-aggravji ta' l-appellant huma migjuba b'mod konciz fir-rikors ta' l-appell u ghalhekk huwa opportun li jigu hawn riprodotti verbatim:
"Illi l-konvenut kien intrabat li jhallas ammont ta' flus lill-attur f'kaz li huwa jinghata il-franchise tal-"Bata". Dan kien essenzjalment il-ftehim bejn il-partijiet. Il-konvenut ma ntrabatx li jhallas xi somma f'kaz li hadd iehor jottjeni l-franchise u lanqas ma kellu l-awtorizzazzjoni jintrabat

[8] Fol. 16 et seq.
[9] Fol. 31

f'isem hadd iehor, cioe` li jintrabat ghal haddiehor li jhallas jekk dak ix-xi hadd iehor jottjeni il-franchise. Il-kliem tal-kuntratt f'dan il-kaz huwa car u inekwivoku. L-ewwel Onorabbli Qorti ghamlet riferenza ghall-ispazzju vojt li thalla wara isem John Sammut. Pero`, bir-rispett kollu, dan huwa kompletament irrilevanti. Il-fatt li din thalliet vojta ma tfisser xejn u certament ma tfissirx li l-konvenut kien qed jintrabat ghal persuna li ma hijiex indikata fuq il-kuntratt. Kif qalet tajjeb l-ewwel Onorabbli Qorti Mark Sammut ma kienx parti tal-Kuntratt. Ghalhekk la l-istess Mark Sammut ma kienx parti tal-kuntratt il-konvenut ma setghax ikun tenut ihallas f'kaz li din il-persuna tottjeni l-franchise.

"L-atturi ma gabu l-ebda prova li l-franchise nghata lil John Sammut. Anzi, il-provi li hemm juru il-kuntrarju u cioe` li l-konvenut m'ghandux sehem fil-kumpanija li akkwistat il-franchise. Ghaldaqstant l-esponent ihoss bir-rispett li l-ewwel Onorabbli Qorti ma setghet qatt tikkundannah ihallas l-ammont mitlub fic-citazzjoni."

Fi kliem iehor il-konvenut qed isostni li:-
a) huwa kien obbligat ihallas l-ammont indikat fl-iskrittura tal-14 ta' Ottubru, 1997 kemm-il darba <u>huwa</u> jakkwista l-franchise tal-BATA;
b) illi ma hemm ebda prova li dan il-franchise gie akkwistat minnu.

**Ikkunsidrat:**

Mill-provi rizultanti fil-process jidher li l-konvenut appellant huwa sorrett f'dak li gie puntwalizzat fl-aggravji fuq riportati. In fatti l-iskrittura tal-14 ta' Ottubru, 1997, li tifforma l-bazi ta' l-azzjoni odjerna, tirregola r-relazzjoni ta' bejn il-kontendenti fl-akkwist, mill-konvenut, tal-'franchise' tad-ditta BATA. Jirrizulta wkoll li dan il-'franchise' ma giex akkwistat mill-konvenut izda minn terza persuna – ghalkemm proprjament l-arrangamenti mad-ditta estera ghadhom, ghall-issa, regolati b' "letter of intent" u mhux kuntratt proprju.

B’dana kollu din il-Qorti, wara qari akkurat tal-provi orali u dokumentarji kollha prodotti, ma tistax ma taqbilx mal-konkluzzjonijiet raggunti mill-ewwel Qorti. Dan ghas-segwenti ragunijiet:

a) Bhala regola generali kull kuntratt ghandu jigi ezegwit in bona fede. Mhux ikkontestat li l-attur appellat ezegwixxa l-obbligi tieghu naxxenti mil-ftehim tal-14 ta’ Ottubru 1997 billi l-intervent tieghu wassal ghat-trasferiment tal-‘franchise’ minn fuqu ghal fuq terza persuna. Dan il-fatt huwa rikonoxxut mill-istess konvenut li ukoll offra li jikkompensa lill-attur “ghas-servizzi tieghu” anke jekk ma kienx il-konvenut, izda persuna ohra, li hadet il-‘franchise’. Mill-banda l-ohra jidher li l-konvenut, ghalkemm mill-bidu nett kien jaf jew almenu kien imissu kien jaf, bil-problemi li kellu minhabba l-istat civili tieghu, xorta wahda, dahal ghall-intrapriza li, minhabba l-ezigenzi finanzjarji li kienet timporta, kienet mill-ewwel tidher li ser tipprezenta problemi insormontabbli. Fix-xiehda tieghu l-konvenut jaghti l-impressjoni li huwa ma kienx qed jaghti kaz ta’ dak li kien qieghed jiffirma. Ma jaghti ebda importanza ghall-fatt li fl-iskrittura hemm imsemmi huh Mark Sammut. Lanqas ma jidher li jaghti xi importanza ghall-fatt li l-iskrittura tikkonsidra l-ahwa Sammut bhala “the Second Party”. Finalment lanqas ma jaghti importanza ghall-fatt li wara l-kliem “the Second Party” thalla spazju u li l-kelma “or” kienet tfisser xi haga. Fl-assenza ta’ spjegazzjoni konkreta da parti tal-konvenut, spjegazzjoni li mhux biss ma nghatatx, izda jidher li bir-risposti tieghu l-istess konvenut ipprova jahrab mill-vera import tal-ftehim li kien intlahaq f’dik l-okkazzjoni meta kien qed jiehu ‘cafe`’ ma’ l-attur, din il-Qorti ma tistax twarrab l-ispjegazzjoni li jaghti l-attur dwar il-vera skop tal-ftehim.

b) Mil-mod kif inhi redatta l-iskrittura jidher li l-ghan ewlieni tal-konvenut kien li l-‘franchise’ tal-Bata jibda jigi operat mid-De Tigne Shopping Complex f’tas-Sliema. Dan il-kumpless jirrizulta ta’ proprjeta` tal-familja Sammut, cioe` l-konvenut u huh, bhala socji tal-kumpanija Visa Investments Limited, kif ukoll ta’ membri ohra ta’ l-istess familja tramite kumpanniji ohra li wkoll kellhom ismha fl-istess socjeta`. B’dana kollu jirrizulta li meta l-

bini, illum maghruf bhala De Tigne Shoppng Complex, kien ghadu fi stat ta' gebel u saqaf u cioe 'shell' is-socjeta` Visa Investments Limited krietu lil De Tigne Limited u kienet din is-socjeta` li zviluppatu f' 'shopping complex'.[10] Inoltre l-istess John Sammut ikompli jghid li kienet is-socjeta` "De Tigne Limited" li "kellha 'relationship' ma' inkwilini ohrajn. Issa jirrizulta li De Tigne Limited hija proprjeta`, tista' tghid, esklussivament ta' Mark Sammut. Allura kif seta' John Sammut, fl-14 ta' Ottubru, 1997, u cioe` ftit qabel ma' nfetah id-De Tigne Shopping Complex, jikkuntratta ma' l-attur biex il-franchise tal-Bata tibda topera minn dan il-kumpless jekk ma kellux gja arrangamenti ma' huh qua azzjonista maggortarju fis-socjeta` li kellha l-kontroll effettiv ta' l-istess kumpless? Dan il-fatt jitfa' aktar dawl fuq l-"undercurrents" li kienu ghaddejjin bejn l-ahwa fil-kwistjoni tal-BATA 'franchise' – "undercurrents" li l-ewwel Qorti intebhet bihom u li wassluha ghad-decizzjoni taghha.

c) Minn dan kollu din il-Qorti hija tal-fehma li l-agir tal-konvenut ma kien xejn aktar minn sotterfugju biex il-familja Sammut tiehu taht idejha l-'franchise' tal-BATA minghajr ma thallas dak li kien dovut lir-rapprezentant precedenti ta' l-istess ditta u li kien gie miftiehem fl-iskrittura tal-14 ta' Ottubru 1997. Dan jidher mill-fatt li, anke wara li l-istess konvenut allegatament tilef l-interess minhabba l-problemi partikolari tieghu, xorta wahda baqa' juri interess u jassisti lil huh sa l-eventwali ffirmar tal-"Letter of Intent". Dan jixhdu wkoll il-fatt li l-istess "Letter of Intent" li hija redatta bil-lingwa Taljana mis-socjeta` Compar s.p.a. tindiga lill-istess konvenut bhala l-firmatarju prospettiv. Dan juri li s-socjeta` estera baqghet sa l-ahhar tirrikonoxxi lill-istess John Sammut bhala parti interessata, anki ghalkemm il-"Letter of Intent" hija indirizzata lil De Tigne Limited.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell tal-konvenut qed jigi michud u s-sentenza appellata kkonfermata bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut appellant.

10 Ara xhieda ta' John Sammut fol. 154 tal-process.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------